MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 330/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Matthew Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Micallef talli bejn it-2 ta’ Ottubru 2006 u l-11 ta’ Ottubru 2006 f’dawn il-Gzejjer naqas milli jhares wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha datat 17 ta’ Settembru 2004 li kellu jmur jiffirma l-ghassa tal-Pulizija ta’ B’Kara kuljum li bih kien inghata l-helsien mill-arrest, u li ma kienx gewwa d-dar fejn joqghod wara s-6.30 p.m.

Il-Pulizija talbet ir-revoka tal-helsien mill-arrest ta’ l-istess Matthew Micallef u l-arrest mill-gdid tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitux hati li kiser il-kondizzjoni li ma kienx gewwa d-dar fejn joqghod wara s-s-6.30 p.m. u ghalhekk helsitu minn kull htija u kastig fir-rigward, izda sabitu hati li ma ffirmax kuljum bejn it-2 ta' Ottubru 2006 minghajr ebda raguni u hekk naqas li jhares kondizzjoni imposta fuqu b'digriet u, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ikkundannatu ghal sebat ijiem prigunerija u inoltre wara li rat l-artikolu 579(3) laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Matthew Micallef;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mattew Micallefipprezentat fil-25 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn qalet illi huwa ma kienx ati li kiser il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest li seta' jdum barra sad-9.00 p.m. u b'hekk helsitu minn kull htija u kastig u thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati li ma ffirmax kuljum bejn it-2 ta' Ottubru 2006 u l-11 ta' Ottubru 2006 minghajr raguni u hekk naqas milli jhares kundizzjoni imposta fuqu b'digriet u minnha tilliberah, kif ukoll thassar l-ordni ta' l-arrest mill-gdid kif indikat fl-istess sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta kkummentat li *"tistenna li l-akkuzat b'xi mod jikkonferma bil-gurament dak li qed isostni la l-prosekuzzjoni tkun 'ghamlet' il-kaz taghha. F'dan il-kaz id-difensur ta' l-akkuzat ressaq biss ic-certifikati msemmija li huma li huma"*, bhallikieku jekk l-istqarrija giet guramentata allura l-Qorti kienet propensa li taccettaha; (2) il-konvinciment morali f'mohh il-gudikant huwa nieqes f'dan il-kaz; (3) l-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 mhux applikabbli ladarba ma

kienx hemm akkuza specifika u, minghajr pregudizzju, f'kaz li wiehed mill-aggravji precedenti jigi akkolt, allura l-applikazzjoni ta' l-istess ma tistax tigi akkolta.

Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2006, Dott. Anglu Farrugia ghall-appellant irtira t-tielet aggravju u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess aggravju.

L-aggravji l-ohra jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ezaminat il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u jirrizultalha s-segwenti:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

L-appellant ghandu proceduri kriminali ghaddejjin kontra tieghu u fis-17 ta’ Settembru 2004 kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kondizzjoni, fost ohrajn, illi jirrapporta l-ghassa tal-pulizija tad-distrett fejn joqghod, u cioe` fl-ghassa ta’ Birkirkara, kuljum bejn id-9.00 a.m. u s-6.00 p.m. “b’dan illi jekk huwa ma jkunx jista’ jirrapporta kif fuq inghad ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih huwa qed jigi obbligat li jirrapporta” (ara Dok. K a fol. 8).

Fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2006 quddiem l-ewwel Qorti xehed **l-Ispettur Norbert Ciappara** li esebixxa l-*bail book* mnejn jidher illi bejn it-2 ta’ Ottubru 2006 u l-11 ta’ Ottubru 2006 l-appellant ma ffirmax l-ghassa u ma hemmx certifikati li jkopru l-imsemmi perijodu. Ix-xhud qal li l-appellant ghandu anke n-numru tal-mobile tieghu izda fl-ebda hin ma nfurmah [li ma setax imur jiffirma]. Qal ukoll illi mill-*bail book* jirrizulta okkazjonijiet fejn l-appellant informa l-ghassa li ha jipprezenta certifikat izda dwar il-granet in kwistjoni m’hemm xejn.

Ix-xiehda ta’ P.S. 508 Francis Bezzina u dik ta’ P.C. 733 Joseph Galea mhijiex rilevanti ghall-finijiet ta’ dan l-appell peress illi x-xiehda taghhom tirrigwarda l-fatt li marru jfittxu lill-appellant id-dar tieghu fil-11 ta’ Ottubru 2006 separatament u f’hinijiet differenti u l-appellant ma fetahx, u mill-imputazzjoni li ma kienx id-dar skond id-digriet tas-17 ta’ Settembru 2004 huwa gie lliberat.

L-Ispettur Norbert Ciappara esebixxa wkoll l-istqarrija ta’ l-appellant li huwa ghamel fit-12 ta’ Ottubru 2006. F’din l-istqarrija l-appellant jghid illi ma kienx qieghed jiffirma l-ghassa ghax qata’ l-mistura u ntefa’ gewwa u ghandu infezzjoni f’saqajh. Sostna illi l-ghassa cemplilhom. Mistoqsi ghandux certifikat tal-mard li jghid li huwa impedut milli jmur jiffirma l-ghassa, wiegeb li ghandu u wera xi certifikati lill-Ispettur li kkummenta li dawn jirreferu ghal perijodu sat-23 ta’ Settembru 2006. Mistoqsi jekk kellux xi certifikat li jirreferi ghall-perijodu in kwistjoni l-appellant wiegeb li ma kellux.

Fl-istess seduta quddiem l-ewwel Qorti, Dott. Anglu Farrugia esebixxa erba' certifikati medici (Dok. CM) – proprjament tnejn, kull wiehed duplikat. Dawn huma certifikati mahruga ghall-fini ta' talba ghal beneficcju ghall-mard u jirreferu: in-numru E261931 ghall-perijodu mid-9 ta' Settembru 2006 sas-16 ta' Settembru 2006, u n-numru E353531 ghall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2006 sat-23 ta' Settembru 2006. Jidher ghalhekk li dawn huma l-istess certifikati li l-appellant wera lill-Ispettur Ciappara meta kien qieghed jigi interrogat minnu, u ma jkoprux il-perijodu li dwaru l-appellant qieghed jigi akkuzat. Bhalma l-appellant talab u ottjena l-imsemmijin certifikati, certament jekk genwinament ma setax johrog mid-dar biex imur jiffirma l-ghassa seta' wkoll jitlob u jottjeni certifikati ulterjuri li jkopru l-perijodu hawn in kwistjoni. Minn ezami tal-*bail book* jirrizulta illi fil-fatt kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-appellant pprezenta certifikati medici. Huwa evidenti illi fil-kaz odjern, ghalkemm l-appellant seta' effettivament cempel l-ghassa, kif qal fl-istqarrija tieghu, biex jinforma li ma setax imur jiffirma, huwa xorta wahda ma ottemperax ruhu mal-kondizzjoni li "jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih huwa" gie obbligat li jirrapporta l-ghassa – disat ijiem wara kien ghadu ma pproduciex certifikat. Ghalhekk, u rrispettivament minn jekk l-appellant ikkonfermax l-istqarrija tieghu bil-gurament jew le, galadarba ma ffirmax l-ghassa ta' Birkirkara fil-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru 2006 u l-11 ta' Ottubru 2006 u ma pproduciex certifikat mediku kif kellu jaghmel skond il-kundizzjoni numru tnejn (2) fid-digriet ta' helsien mill-arrest tas-17 ta' Settembru 2004, huwa gie li kiser il-kundizzjoni li jiffirma kuljum f'dik l-ghassa. Konsegwentement l-ewwel u t-tieni aggravji huma michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi jekk l-appellant ghad ghandu l-bzonn ta' kura medika li ma tkunx tista' tinghata fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, tirrakkommanda lid-Direttur ta' dik il-Facilita` li jirrikovera lill-appellant fl-Isptar San Luqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------